# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Marzu, 2016**

**Talba Nru: 761/2015/VG**

**Simonds Farsons Cisk plc [C-113]**

**Vs**

1. **Chai T.T.T. Limited [C-46281]**
2. **Ivanov LALO [ID. Nru. 32662A]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-11 ta' Settembru, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimati jhallsuha s-somma ta' elfejn hames mija erbgha u sebghin euro u tmintax-il centezmu ta' euro [€2,574.18c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi s-somma premessa ta' €2,574.18 tirraprezenta prezz ta' prodotti mibjugha u debitament ikkonsenjati lill-konvenuti Chai T.T.T. Limited (C-46281) u Lalo Ivanov (KI Nru. 32662A), u hija dovuta mill-istess konvenuti favur is-socjeta attrici Simonds

> Farsons Cisk plc C113 skond l-anness statement of account immarkat Dok A u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenuti kienu dahlu bhala garanti personali ghal kull debitu;
>
> Illi l-konvenut, ghalkemm interpellat diversi drabi, anke permezz ta' ittra ufficjali tat-24 ta' Novembru, 2014, ipprezentata a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, huma baqghu inadempjenti;
>
> Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
>
> Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija, u bl-imghax kummercjali sad-dat tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimati gew debitament notifikati bil-procedura ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li baqghu ma resqu l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta' Rose Mary Spiteri, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti, li kkonfermat li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimati.

Ra li l-Prokuratur Alison Wadge ddikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimati, tas-somma ta' elfejn hames mija erbgha u sebghin euro u tmintax-il centezmu ta' euro [€2,574.18c] rapprezentanti prezz ta' prodotti mibjugha u debitament ikkonsenjati mis-socjeta rikorrenti lill-intimati.

   Ikkunsidra;

2. Rose Mary Spiteri, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti, kkonfermat bil-gurament taghha llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimati.

   Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

   *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

   (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

   *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

   *(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici*

> *ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimati gew debitament notifikati bil-procedura ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li la resqu risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimati.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' hames mija wiehed u tletin euro [€531] bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-konsenja tal-merkanzija mibjugha sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata fl-24 ta' Novembru, 2014, huma a kariku tal-intimati.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**